MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Numru 195/2003

Il-Pulizija
(Spettur Stephen Mallia)

vs

George Muscat bin Emmanuel u George Muscat bin George

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ rispettiva numru 539052(m) u 99479(m) akkuzati talli:
1. fil-11 ta’ Novembru 2002 u fix-xhur ta’ qabel f’dawn il-gzejjer, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficju ghalihom infushom jew ghal haddiehor f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz billi iffalsifikaw n-numru

tax-chassis tal-vettura tal-marka Land Rover bin-numru tar-registrazzjoni TOR 868 – Artikolu 188 tal-Kap 9;
2. fl-istess lok, hin u cirkostanzi, ghamlu falsifikazzjoni jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi hassru n-numri tax-chassis tal-vettura Land Rover bin-numru ta’ registrazzjoni TOR 868 – Artikolu 189 tal-Kap 9;
3. fl-istess lok, hin u cirkostanzi, minghajr l-approvazzjoni miktuba bil-quddiem tal-Kummissarju tal-Pulizija ghamlu, ordnaw jew gieghelu l-ghemil ta’ xi tibdil fil ‘body’ jew fin-numru tax-chassis tal-vettura tal-marka Land Rover bin-numru tar-registrazzjoni TOR 868 – Artikolu 91 tar-Regolamenti tan-1994 dwar Vetturi tal-Mutur (AL 128/1994)

Rat l-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li bihom dehrlu li l-imputati setghu jinstabu hatja tar reati u offizi minnu dedotti u ghalhekk baghthom quddiem dina l-Qorti sabiex fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti tieghhom jigu ggudikati dwar r-reita’ jew nuqqas taghha minn dina l-Qorti;

Semghet lill-ufficjal prosekutur jiddikjara li ma kellux izjed provi u ghaddiet sabiex tisma’ l-provi tad-difiza;

Semghet ix-xhieda kollha komprizi l-imputati bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-Qorti ser tibda biex titratta l-imputazjonijiet fil-konfront tar-rekwizit (a) tar-rinviju ghall-gudizzju tal-imputati ai termini tal-artikoli tal-ligi hemm citati. Ghalhekk ser titratta l-ewwel r-reat ipotizzat kontra l-imputati taht l-Artikolu 188 u 189 tal-Kap 9. L-Artikolu 188 jiddisponi li: “kull min sabiex jikseb xi vantagg jew beneficju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement jaghmel dikjarazzjoni jew stqarrija

falza, jew jaghti taghrif falz, jehel meta jinsab hati….Izda ebda haga f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbilita' ta' xi ligi ohra li tipprovdi ghall-piena ghola". L-Artikolu 189 jiddisponi li: "kull min jaghmel falsifikazzjoni ohra jew xjentement jaghmel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jehel il-piena ta' prigunerija…".

Issa, fil-waqt li l-Artikolu 188 jikkontempla forma ta' falsita' ideologika, l-Artikolu 189 jikkontempla forma ta' falsita' materjali u d-differenza bejn it-tnejn hi li fil-falz ideologiku d-dokument hu falsifikat fis-sustanza, cjoe' fil-kontenut ideali tieghu, waqt li fil-falz materjali d-dokument ikun falsifikat fl-essenza materjali tieghu. Igifieri, u skond l-awtur Antolisei, ikun hemm falsita' materjali meta d-dokument ikun wiehed genwin izda l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali jew meta d-dokument ikun sofra alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu. Fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico perche' colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero"
(vide sentenza *Pulizija v Paul Galea deciza 17.10.1979 – Appell*). Ghandu jkun car li b''dokument' hemm intiz kull kitba jew haga ohra li taghti esterjorita' ghal xi fatt li hu mahsub jintwera b'dak id-dokument.

Illi fil-kawza in disamina fid-dawl tal-artikoli appena citati l-imputati qeghdin jigu akkuzati specifikatament li baghbsu n-numru tax-'chassis' tal-vettura tal-marka Land Rover numru ta' registrazzjoni TOR-868. F'dan il-kuntest il-Qorti taghmilha cara li hi l-fehma taghha li l-imputazzjoni ai termini tal-artikoli tal-ligi appena citati ma jikkoncernawx l-vettura 'per se' fis-sens li m'humiex indirizzati fuq jekk il-vettura gietx rinnovata f'vettura tal-istess tip aktar recenti minn dik li originarjament kienet izda tikkoncerna 'sic et simpliciter' jekk huma baghbsux fis-sens li iffalsifikaw in-numru tax-chassis. L-ipotesi tar-rinnovar tal-vettura semmai taqa' taht il-kappa tat-tielet imputazzjoni. Fil-fehma tal-Qorti dan ghandu johrog car mhux biss minn kif inhi redatta l-akkuza imma wkoll mill-fatti saljenti mfissra mill-Ufficjal Prosekutur fix-xhieda tieghu (folio 3) li huma illi l-imputat George Musact (bin George - il-ko-akkuzat}

“kellu darba Land Rover ohra li r-registrrazzjoni taghha kienet LCA 207 li kienet tikkorrispondi fil-fatt mal-‘log book’ inkluz ix-‘chassis number’ li kienet manufatturata fl-1966; dan xi snin qabel kien involut f’kollizjoni lejn Hal Qormi fejn il-vettura garbet hsarat estensivi; konsegwentement irrisulta li din il-vettura giet mehuda l-Wardija ghand certu Saviour Muscat li huwa ‘panel beater’; sarulha xi xoghlijiet fuqha pero’ wara li kien ra s-‘surveyor’ tal-‘insurance’ din giet dikjarata li mhux tajba izjed ghat-triq u ma kienx val la pena li din tissewwa; ghalhekk George Muscat (bin George) iddecida li jiddisponi minn din il-vettura u skond hu din thalliet fil-parti tax-‘chassis’ taghha l-garage l-Wardija filwaqt li l-kumplament tal-magna u xi parts ohra ttiehdu, skond dejjem l-imputat, fejn id-dar tieghu fejn imbaghad dawn gew migbura mill-‘bulk refuse’ u qatt ma nstabu; l-imputat sussegwentement iddecida li jimporta anzi li jixtri l-kumplament ta’ ‘parts’ ohra ta’ Land Rover iktar moderni ‘Series 110’ li normalment kienu manifatturati fis-snin tmenin;  dawn il’parts’ xtara fil-maggior parti taghhom minghand certu Mark Bugeja importatur ta’ dawn it-tip ta’ ‘parts’ minn Hal Qormi”.

Dan ix-xenarju hu rifless fil-provi u sostanzjalment accettat mix-xhieda ta’ Saviour Muscat u Mark Bugeja li pero’ ziedu bhala fatt (u mhux opinjoni billi l-Qorti qeghdha tiskarta kull opinjoni espressa bhala inattendibbli) li huma ma stampaw ebda numru fuq ix-‘chassis’ u dan waqt li kkonfermaw, kwantu ghal Bugeja li huwa biegh zewg partijiet ta’ ‘chassis’ lill-imputat George Muscat bin George li ma kellhom ebda numru fuqhom u kwantu ghal Muscat li kien hu li wahhal flimkien dawn iz-zewg partijiet ta’ ‘chassis’ u ma jiftakarx li kien hemm xi numru fuqhom.

Illi l-imputat stqarr li l-parti tan-nofs tax-’chassis’ huwa dak tal-Land Rover l-mahbuta u dikjarata li ma kinitx tissewwa. Dan fil-fehma tal-Qorti huwa bil wisq probabbli u fid-dawl ta’ dan qeghda tahtih affidament meta huwa jistqarr li minhabba li l-Land Rover meritu din il-kawza hija fil-forma taghha ta’ mudell aktar recenti x-‘chassis’ taghha kellu

jkun itwal. Dan fil-fehma tal-Qorti joffri spiegazzjoni probabbli u plawsibbli ghaliex intuza parti mix-'chassis' tal-vettura l-ohra ingannata maz-zewg partijiet ta' 'chassis' li kienu nxtraw. Jibqa b'daqstant il-fatt li ma hemmx il-prova tal-falz ideologiku izda jreggi l-falz materjali u f'dan il-kuntest din il-Qorti m'ghandiex dubbju dwar ix-xjenza tal-imputat George Muscat bin George.

Ikkunsidrat:

Illi l-ahhar imputazzjoni takkuza lill-imputati li minghajr l-approvazzjoni miktuba bil-quddiem tal-Kummissarju tal-Pulizija ghamlu, ordnaw jew geghlu l-ghemil ta' xi bdil fil-'body' jew fin-numru tax-'chassis' tal-vettura tal-marka Landrover bin-numru ta' registrazzjoni TOR 868 bi ksur tar-regolament 91 tal-Avviz Legali 128/1994.

Illi din l-akkuza ghandha treggi anka fuq dak li xehed l-imputat George Muscat bin George.

Mill-bqija sakemm l-akkuzi jirrigwardaw lill-imputat George bin Emmanuel huma palesement ma jirrisultawx.
Taqta u tiddecidi ghalhekk li:

1. tillibera lill-imputat George bin Emmanuel minn kull imputazzjoni, htija u piena;
2. issib lill-imputat George Muscat bin George hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet izda mhux taht l-ewwel li minnha qeghdha tilliberah. Rat l-Artikolu 188 u 17(d) tal-Kap 9, Regolament 91 tal-Avviz Legali 128/1994, u l-Artikolu 55 tal-Kap 65 u wara li kkunsidrat l-attenwanti generici li ghandhom japplikaw ghall-kaz, tiddecidi li tillibera lill-dan l-imputat taht l-Artikolu 22 ta' Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sitt xhur mill-lum.

Kwantu ghal konfiska l-Qorti tirreferi ghall-verbal taghha tal-lum stess u m'hiex tal-fehma li ghandha tikkonfiska l-vettura.

Il-Qorti spiegat lill-imputat George bin George r-responsabiltajiet tieghu li johorgu minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------